TIFHIR U TALB

MINSUĠ F'CURUNELLA

LIL

# S. TEREŻA TAL BAMBIN GESÙ

IMSEJĦA

"L-WARDA IŻ-ŻGĦIRA TA' LISIEUX"

MIKJUMA FIL CNISJA "TA' SAVINA"

MICTUB

MINN-MONS. DUN PAWL CAUCHI

GHA'D-ĐEVOTI TAGĦHA.

1935

MALTA

Tip. CHRÉTIEN & Co.

TIFHIR U TALB

MINSUĠ F'CURUNELLA

LIL

# S. TEREŻA TAL BAMBIN GESÙ

IMSEJĦA

"L-WARDA IŻ-ŻGĦIRA TA' LISIEUX"

MIKJUMA FIL CNISJA "TA' SAVINA"

MICTUB

MINN-MONS. DUN PAWL CAUCHI

GHA'D-DEVOTI TAGHHA.

1935

MALTA

Tip. CHRÉTIEN & Co.

I.

"Kgħed tidħacli daħca ħelwa...
Saħħa f'gismi malajr ġriet...,
Il-Madonna tatni 'l-ħajja"...
Għidt lill ħutec, colloc qwiet.

Lejn din l-Omm ħanina tagħna,
Kima imħabba, u cull cbir ġieħ,
Fina nissel, Tereżina,
Sabiex hemmna jtir ma'r-riħ!

*Pater, Ave, Gloria.*

II.

"Intix tara, missier tiegħi,
Fost il-cwiecheb ismi ċar?
B'subajgħ Alla għaggel chitbu!
Hemm fuk ħsiebi, hemm id-dar!"

Lejn is-sema, ħsiebna talla':
Li din artna mhix ħlief triek,
Li hemmfuk huwa pajjiżna,
Uri lilna, u ruħna tfiek!

*Pater, Ave, Gloria.*

III.

"Ġo ta'l-Carmnu 'l-monasterju,
Bħal ħamiema irrid intir:
Tin, missier, is-sensja tiegħec,
Għax f'di 'd-dinja moħħi rsir!"

Ċchejcna Warda ta' sbuħija,
Min di'd-dinja lill cullħadd
Int fis oftom: inti saħħaħ
Sejħet Alla fuk cullħadd!

*Pater, Ave, Gloria.*

IV.

Int lill Papa mort titolbu:
"F'gieħ dan tiegħec il-Ġublew,
T'erbgħatax il sena, tini
Nidħol fis fejn ħuti 'nħbew!"

Fina imħabba cattar dejjem
Lejn il-Papa, cbir Missier:
Li katt neħdu nwettku tina
Riedet Alla, imkar fid-dhier!

*Pater, Ave, Gloria.*

## V.

"Chemm nixtiek kassis cbir t'Alla,
Illi cont, u b'Gismu 'r-ruħ
Ta'l-insara 'minur ingħajjex,
B'għatijietu ngħamel tfuħ !"

Ta'l-kassis cbira Ħabiba,
Minn l-insara għamlu maħbub,
Lilu wettak, lilu chennen:
Kis li tiegħu l-għadu jdub !

*Pater, Ave, Gloria.*

## VI.

"Chemm nixtiek li missjonarju
Cont, mill bidu sa cull tmiem
Ta' di'd-dinja, u 'll erwieħ nati
Ta' Gesù cull barca, is-sliem !"

Ja patruna ta'l-Missjoni,
Għall min kiegħed f'ta' l-mewt dlamm,
'Mħabba nissel fost l-insara,
Rattab fis ta'l-klub is-samm !

*Pater, Ave, Gloria.*

## VII.

"Din il-kalb bla kies minn tiegħi,
Dlonc titnhedec bla mistrieħ !
B'Gismec, b'Ruħec, b'Ħajtec collha,
Li'x-xejn tiegħi ħajja tieh !"

Lill cullħadd fl-Ewcaristija,
Sfera t'Alla, gewwa 'l-kalb,
Nissel tama, ħajr, tpattija,
Xewka, imħabba, kima, u talb !

*Pater, Ave, Gloria.*

## VIII.

"Katt ma cont jien nobsor f'ħajti,"
Għidt lill oħtoc, fost l-imrar,
"Chemm inbati chelli dejjem !
Minn l-imħabba dan żgur sar !"...

Cull tbatija u bichi tagħna,
Cull tfixchil, cull hemm, u mard,
Kaddes Int, bi'l-fwieħa tiegħec :
Cull xewc tagħna biddel f'ward !

*Pater, Ave, Gloria.*

IX.

" Ħajti 'rrid, is-Sema, ngħaddi
Ward inxerred fuk cull żmien :
Din id-daħca minn ta' fommi
Tħennen trid lill cull ħolkien !"

Ward Int xerred, grazzji ferrak,
Wakt li turi lil l-Mislub :
B'dic id-daħca lilna salva,
Bħalma għarraftna bil mictub !

*Pater, Ave, Gloria.*

## ANTIFNA

Ejja, Għarusa ta' Cristu, ilka' l-curuna li l-Mulej Lilec ħejja għala dejjem.

V. Fuk xofftejc giet imxerrda il-ħlewwa collha.
R. Ghalhecc bierchec Alla, għala dejjem.

## NITOLBU

O Mulej, li għidt: jecc ma' ssirux bħa't-tfal, ma jcun katt li tidħlu is-Sema : ati-

na, nitolbuc; li hecc nimxu wara x-Xbejba Tereża fi'ċ-ċocon u 'l-bjuda tal kalb, li nistgħu inchissbu il-premju ta' dejjem. Inti li tgħix u ssaltan, għall dejjem ta' dejjem,

Hecc icun.

---

Mons. Iskof Gonzi, b'digriet ta's-16 ta' Novembru tal 1927, jati 50 jum indulgenza lil min igħid, b'devozzjonj, din il-Curunella.

---